MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1351/2004

**Borg & Aquilina Limited**

**Vs**

**Simon Borg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm457.90c (erba' mija u sebgha u hamsin lira Maltin u disghin centezmu) bilanc minn ammont akbar rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-konvenut fil-fond "The Food Shop" fuq ordni tieghu stess.

Illi ghalkemm interpellat ihallas diversi drabi, anke permezz ta' Ittra Ufficjali datata 24 ta' Mejju, 2004 il-konvenut baqa' nadempjenti.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali u l-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju numru 1205/04FF, kif ukoll l-imghax

legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Joseph Camilleri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------